MINUTI

LAQGĦA MSEJĦA B'URĠENZA MIS-SINDKU

KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

ID-DISA' LEĠISLATURA

LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U TLETIN 27TA' ĠUNJU, 2022

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farugia u l-Kunsillieri s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

SKUŻAT

UFFIĊĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

MINUTI

| | | |
|---|---|---|
| **37.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 37.1.1 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia informa li ma jsitax jattendi. |
| | | |
| **37.2** | | ***GABBANI TAL-FESTI.*** |
| | | |
| 37.2.1 | | Is-Sindku qalet li waqt laqgħa li l-kunsill kellu mal-avukat tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ġunju, fejn kien hemm preżenti hi, l-Kunsillier Kenneth Farrugia, s-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegata li tieħu ħsieb il-permessi tal-gabbani, ġiet diskussa l-liġi tal-permessi tal-gabbani.<br>L-avukat informa li l-liġi tgħid li:<br>• dawk is-sidien li ilhom jarmaw il-gabbani sa minn qabel is-sena 2002 għandhom id-dritt li jkollhom l-istess posta li kellhom qabel.<br>• Dawk li ilhom jarmaw imma minn wara s-sena 2002 – għandhom preċedenza fuq oħrajn ġodda.<br>• Il-ġodda jekk hemm aktar milli għandu posti l-Kunsill, jistgħu jitilgħu bil-polza. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Importanti li s-sid tal-permess ikun preżenti meta l-posti jiġu ċċekjati minn uffiċċjal pubbliku. Dan għandu jkollu l-ID card fuqu biex jiġi vverifikat kollox. |
| | | |
| 37.2.2 | | Is-Sindku qalet li daret il-posti u sabet li tista toffri posta waħda biss fi Vjal il-Blue Grotto quddiem dar li mhux abitabbli. |
| | | |
| 37.2.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li biex il-Kunsill iżid posta waħda, l-aħjar ma jżid xejn. Għax dan kollu inkwiet żejjed.<br>Wara diskussjoni, s-Sindku, l-Viċi Sindku, l-Kunsilliera Marisa D'Amato, Kyle Mifsud, Tiffany Ann Abdilla u Dino Bonnici qablu ma dan. |
| | | |
| 37.2.4 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li jekk hemm posta waħda li ma ittellifx jaqbel li inżiduh. |
| | | |
| 37.2.5 | | Is-Sindku fakkret li fil-festi publiċi, l-Kunsill ser jibda jagħlaq Triq P P Saydon, Misraħ Repubbliku u Triq il-Kbira biex il-ħwienet u każini joħorġu l-imwejjed barra għall-ikel, kif kien miftiehem f'seduti preċedenti. L-ewwel festa li jmiss ser tkun id-29 ta' Ġunju, u l-Kunsill ġab il-permessi minn Transport Malta, biex jagħmel dan.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ma qabilx għax qal li dan nuqqas ta' organizzazzjoni. Qamet diskussjoni u kien hemm qbil li l-ewwel festa li jingħalqu dawn it-toroq għandha tkun l-festa ta' Santa Marija. Il-Kunsill għandu joħroġ avviż li t-toroq imsemmija ser ikunu mgħaluqa. |
| | | |
| ***37.3*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 37.3.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-19:35 Id-data tal-laqgħa li jmiss kienet diġa ġiet miftehma li ssir nhar l-Erbgħa ta' 27 ta' Lulju, 2022, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' LULJU, 2022.

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**